MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 619/2007

**The Catering Centre Company Limited**
**(C-9806)**

**Vs**

**Anthony Cutajar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf, tmien mija u disgha u hamsin Euro u tmienja u sittin Euro cents (€1,859.68) - (Lm798.36c) rapprezentanti valur ta’ merkanzija konsistenti *f’catering equipment* mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, tmien mija u disgha u hamsin Euro u tmienja u sittin Euro cents (€1,859.68) - (Lm798.36c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------